MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 551/2012

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**vs**

**Rita AQUILINA [ID Nru. 0129975(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-10 ta' Awwissu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' disa mija tmienja u sittin euro u tnejn u sebghin ċenteżmi ta' euro [€968.72c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Hlas tal-ammont ta' disa mija u tmienja u sittin ewro u tnejn u sebghin ċenteżmu tal-ewro (€968.72) dovut mill-konvenuta lis-socjeta attriċi ghal servizzi rezi u prodotti provduti mis-socjeta attriċi lill-konvenuta fuq talba u a benefiċċju tal-istess konvenuta fuq il-kontijiet bin-numri 1.10955185 u 1.10958963 skont ftehimijiet bil-miktub

iffirmati bejn il-kontendenti, vide r-rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. VF 1 u Dok. VF 2.

Illi l-konvenuta minkejja li ġiet debitament interpellata ghal hlas baqghet inadempjenti.

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta' April, 2013, nhar it-8 ta' Mejju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta' Mejju, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disa mija tmienja u sittin euro u tnejn u sebghin ċenteżmi ta' euro [€968.72c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------